PDF Compressor Pro



# GĦAWDEX

# X'għadda minn għalina

minn
**Charles Spiteri**





Il-Kunċert ta' Jum il-Ħelsien mtella' mill-Banda tal-Pulizija



Uħud minn dawk preżenti fi Pjazza Indipendenza (It-Tokk). Jidhru fost oħrajn il-Ministru għal Għawdex Anton Refalo u martu Lina kif ukoll l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech



Josephine-Marie Grima tidher tkanta The Lord's Prayer, akkumpanjata fuq is-synthesiser minn Jacob Portelli

## Jum il-Ħelsien

Fl-okkażjoni ta' Jum il-Ħelsien, il-Ħadd 31 ta' Marzu, il-banda tal-Korp tal-Pulizija tellgħet kunċert vokali u strumentali taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha, l-Ispettur Mro. Anthony Cassar, fi Pjazza Indipendenza (It-Tokk), Victoria.

F'dan il-kunċert kommemorattiv, li kien jinkludi fih repertorju mżewwaq b'mużika klassika, tradizzjonali u kontemporanja mill-pinna mużikali ta' diversi kompożituri, ippresedut mill-Ministru għal Għawdex Anton Refalo, ħadu sehem diversi kantanti, fosthom Neville Refalo u Amber Bondin kif ukoll is-Sopran Marita Bezzina.

Il-kunċert spiċċa bid-daqq tal-Innu Malti.

Ippreżenta Frank Zammit.

Aktar qabel Mons. Isqof Mario Grech mexxa quddiesa pontifikali fil-Knisja Katidrali.

## Kunċert fir-Rabat

Kunċert mill-*Arco Ensemble*, immexxi mill-fundatur vjolinist tagħha Jacob Portelli sar fil-Knisja tal-Patrijiet tal-Kapuċċini, fir-Rabat, Għawdex. Ħadu sehem ukoll is-sopranos Rosabelle Pavia u Antonella Portelli, il-baritonu Joseph Pace u l-kantanta żagħżugħa ta' 15-il sena minn Kerċem, Josephine-Marie Grima.

Knisja ppakkjata bin-nies semgħet b'attenzjoni kbira diversi xogħlijiet, fosthom minn Corelli, Faure, Mozart, Handel u Pergolesi.

Preżenti kien hemm ukoll il-Gwardjan tal-Patrijiet Kapuċċini, Patri Karm Dimech u s-Sindku tal-Belt Victoria, l-Avukat Samuel Azzopardi.


*For all your insurance needs:*
***Superannuation, Rollovers and Investments***

**AMP FINANCIAL CENTRE**

**Proprietor: Charles Agius Pty. Ltd.**

A 64 003 141 562



- Charles has been a top performing financial planner with AMP for 29 years
- Also advice on investment and all types of insurance
- *Ring now for confidental analysis on pension entitlement.*

*AMP can help you NOW*

**111, Main Street, Blacktown NSW**
**Tel. No. (02) 9672 4800**